SAN LAWRENZ

Il-Minuti tal-hames laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar it-Tlieta 19 ta' Gunju 2012 fit-8.00 ta' filghodu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .

***Preżenti:***

| | |
|---|---|
| *Sindku:* | Anthony Formosa |
| *Viċi-Sindku:* | Anthony Cassar |
| *Membri:* | Mikelina Mercieca<br>John Mercieca<br>Rose Vella |
| *Segretarju Eżekuttiv:* | Lucienne Haber |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**3.0 Korrispondenza**

3.1 Giet trattata l-ittra minghand il-Kumitat tal-festa rigward il-loghob tan-nar tal-art u l-possibilita' li l-kiosks tal-festa sabiex jigu trasferiti ghal Triq il-Wileg. Il-Kunsillier John Mercieca propona li hawkers li huma mir-rahal intuhom preferenza. Sar qbil li ghandna niccekkja r-regolamenti jekk tal-lokal nistghux nippreferuhom fil-posizzjoni u nimxu mar-regolamenti.

3.2 Giet trattata littra minghand Audrey Testaferrata tat-Transport Malta rigward it-talba ghal-roadhumps fi Triq ir-Rokon. It-talba taghna ma gietx approvata. Gie rrakkomdat li fl-istess post naghmlu slow signs.

3.3 Saret referenza ghall-email mibghuta mis-Sur Richard Mallia rigward il-htiega ta' magna tal-ATM fl-inhawi. Sar qbil li ghandna niktbu email lill-Kunsilli girien biex flimkien inressqu talba lil banek BOV u HSBC.

3.4 Sar qbil li ghandha tintbghat ittra lil Kumitat Ta Cangura Folkgroup sabiex il-kunsilliera Rose Vella u Michelina Mercieca jirraprezentaw lil Kunsill fil-Kumitat.

**4.0 Update dwar il-progett tal-pjazza**

4.1 Is-Sindku rrefera ghall-progett tal-pjazza. Huwa semma' li l-culvert miexi u bhalissa qed niddiskutu dwar is-servizz tal-ilma hux ser jghaddi fil-culvert jew le. Sar qbil li ghandna nimxu skond ir-regolamenti tal-WSC. Is-Sindku rrefera ghal-laqgha li huwa flimkien mas-Segretarja kellu mal-GTA, is-sid tat-Tatitas u l-kuntrattu Joe Grima rigwar ix-xoghol tal-pavimentar. Ix-xoghol mistenni jibda fl-14 t'Awissu 2012 u ser jinbeda min-naha tac-Centru Parrokjali. Il-wires ser jghaddu kollha taht l-art u ser isir culvert zghir man-naha tar-restaurant. Is-Sindku rrefera ghall-ilmenti li qed ikollna rigward it-trabijiet u jistax il-kuntrattur immedjatament jaghti xi tip ta' resurfacing.

**5.0 Hrug ta' Tenders**

5.1 Is-Segretarja semmiet li jinthieg li jinhargu xi offerti ghall-pubbliku fosthom tal-Bring-in-sites, pavimentar tal-pjazza, dawl tal-pjazza u l-isqaqien u street furniture ghall-pjazza. Sar qbil li jekk ikun hemm il-htiega li jihargu xi offerti minbarra dawn imsemmija ghandhom jigu nfurmati l-kunsilliera bihom.

**6.0 Offerti taht il-progett Panacea**

6.1 Is-Sindku rrefera ghall-offerti li hargu taht il-progett PANACEA, dak ta' marketing expert u dak ta' Project Administrator. Ghal dawn l-offerti intefghu 3 submissions taht tal-marketing u 3 submissions taht tal-project administration. Il-Kunsill qabel li ghal dan il-ghan ghandu jahtar bord biex jevalwahom. Sar qbil li ghandna nqabbdu lis-Sur Alan Deidun mill-Universita' ta' Malta u jaghzel hu zewg rapprezentanti mieghu u jibghatulna r-rakkomandazzjoni tal-ghazla taghhom biex b'hekk il-Kunsill ikun jista jikkonferma l-ghazla finali.

**7.0 Xiri ta' airconditioner ghac-Childcare Centre**

7.1 Is-Sindku rrefera ghall-htiega urgenti ta' airconditioner ghac-Childcare Centre minhabba s-shana kbira li qeghda taghmel. Fuq dan ir-rigward il-Kunsill awtorizza lil Vici Sindku Anthony Cassar bhala persuna teknika biex jigbor tlett stimi u nipprocedu fuq l-irhas offerta bbazata fuq l-istess specifications.

**8.0 Kors tal-Ingliz ghal studenti Taljani**

8.1 Is-sindku rrefera ghat-talba li saret mill-Associazione per il Gemellagio di Colle Umberto sabiex norganizzaw kors tal-ingliz ghall-istudenti taljani hawn fostna f'San Lawrenz. Huma wrew ix-xewqa li dawn jigi ospitati fil-familji, Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu johrog sejha u jara jekk hemmx familji nteressati li jaghmlu dan.

**9.0 Kors tat-Taljan**

Is-Sindku qed jipproponi li naghmlu kors tat-Taljan ghall-adulti. Sar qbil li ghandna nistharrgu ma xi ghalliema u dwar kemm jiswa u nohorgu avviz ghall-pubbliku.

A.J.

**10.0 Caqliq tas-sleeping policemen ta' Triq Nicholas Monsarrat**

Is-Sur Laurence Camenzuli talab sabiex inharrku s-sleeping policemen ta hdejn il-playing field biex tersaq tmien piedi lejn Triq il-Wileg. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.

**11.0 Mozzjoni**

11.1 Mozzjoni numru 1/Leg 6 mressqa mill-kunsilliera Rose Vella li tghid hekk:-

Nipproponi mozzjoni favur l-anzjani nisa u rgiel tar-rahal taghna. Bhalma tafu ghal jum l-omm u l-missier ma organizzajna l- ebda attivita' ghalihom ghalhekk jiena hsibt li billi riesqa gmielha l-festa tar- rahal taghna San Lawrenz nipproponi li f dik il- gimgha ta' festa norganizzawlhom quddiesa kommunitarja u festin zghir bhala rikonoxximent ta' kemm hadmu u stinkaw halli r-rahal taghna hu dak li hu llum. Niproponi wkoll li niddiskutu halli mmexxu l-quddiem u nghaqqdu kumitat ghal anzjani halli b' hekk ikunu aktar ihossuhom li ghadhom utli u nistghu nafdawlhom xi xoghol zghir voluntarju li jistghu jaghmlu fil- hin liberu taghhom favur ir- rahal u l -kunsill.

11.2 Il-mozzjoni sekondata mis-Sindku Anthony Formosa.

11.3 Sar qbil li ghandna nwaqqfu sotto kumitat u bhala membri jkun kompost mill-kunsilliera Rose Vella bhala chairperson u bhala membri gew proposti Carmel Attard, Joseph Sultana, Giga Grima, Fredu Portelli, Guza Grima Joseph Formosa, Gina Sultana. Joseph Mercieca , Carmen Grima u Annie Cauchi

11.4 Sar qbil ukoll li fil-harga li jmiss tal-anzjani jigi s-Supretendent Simon Galea biex jigi jaghmel talk lill-anzjani.

11.5 Sar qbil li nhar il-festa ta' San Lawrenz, jigifieri fl-10 t'Awissu ghandha ssir quddiesa u festin ghall-anzjani kollha fid-dar tal-anzjani San Lawrenz.

**12.0 Materji ohra**

12.1 Is-Sindku Anthony Formosa semma' li lahaq ftehim mal-MEPA sabiex ipoggu mobile toilet fl-Inland Sea. Is-sit fejn ser jitpoggew ghad irid jigi kkonfermat minn naha taghhom.

12.2 Is-Sindku rrefera ghall-qsari li jinsabu fi Triq id-Duluri kif ukoll ghal dawk tal-Belvedere u l-problema tat-tisqija taghhom. Il-Kunsill qabel li huwa mportanti li naraw li dawn jissaqqew. Sar qbil li ghandna niccekjaw mad-Dipartiment tal-Agrikultura u fil-kaz li ma jaccettawx nohorgu quotation ghal dan ix-xoghol.

12.3 Is-Sindku rrefera ghal-festival tal-kant li kien ippopona li jsir mill-kunsillier John Mercieca fil-laqgha ta' qabel. Is-sindku ltaqa' mal-kumitat tal-festa u huwa semma' li dawn ma qablux li jigi organizzat qrib il-festa peress li l-Festival San Lawrenz jinkludi kant wkoll ~~u~~ jista jkunu ta' nterferenza.

12.4 Il-Vici Sindku staqsa jekk saritx talba sabiex isir patching lil Triq tal-Qasam. Is-sindku semma li talab lil Tony Borg tal-Ministeru ghal Ghawdex. Sar qbil li t-talba naghmluha formali.

12.5 Is-Sindku rrefera ghall-permessi tal-attivitajiet li qed isiru that it-Torri fid-Dwejra. Saret referenza ghall-problema li nqalghet is-Sibt ta' qabel fejn inghataw permess ta' zewg attivitajiet fl-istess u fl-istess hin. Ghal dawn l-attivitajiet qed jingab il-permess tal-MEPA.. Saret diskussjoni dwar is-sit fejn ghandhom isiru l-attivitajiet sabiex ma jkunx hemm ostaklu kemm jista jkun. Sar qbil li ghandna nzommu laqgha ma' Philip tal-Kartell restaurant biex niddisuta sit alternattiv.

12.6 Saret referenza ghal-quotations ta' tarmac li nhargu sabiex issir manutenzjoni wara r-residenza ta' George Micallef. L-unika stima li dahlet hija minghand Gatt Construction ghall-prezz ta' 129.80 ghal kull tunnellata.

12.7 Il-Kunsillier John Mercieca fakkar sabiex issir manutenzjoni lit-tarag tal-port. Sar qbil li ghandna nitolbu l-permess tal-MEPA sabiex isir dan l-irrangar.

12.8 Is-Segretarja tal-Kunsill irrimarkat li qed ikollha taghmel diversi telefonati wara l-hin tax-xoghol minn fuq il-mobile privat taghha u li qed jispiccaw jammontaw ghall-ammonti kbar f'perijodu qasir. Is-Sindku semma li f'dan ir-rigward is-Segretarja ghandha tigi kkumpensata b'xi mod. Sar qbil li ghandna niccekkjaw ma' Kunsilli ohra u naraw x'qed jaghmlu u anke harget il-proposta li jinxtara mobile tal-Kunsill u jintuza mis-Segretarja ghal-telefonati konnessi mal-Kunsill biss.

12.9 Saret referenza ghall-organizazzjoni tal-kors tal-kompjuter u ghall-istima li gibna mit-TCTC rigward il-kors tal-adulti. Id-direttur tat-TCTC ssugerixxa li naghmlu kors kemm ghall-adulti u kif ukoll ghat-tfal. Huwa talab 25euros ghal kull partecipant minghand il-Kunsill u l-Kunsill jitlobhom 10 euros ghan-notes. Il-Kunsill qabel li ghandna nikkuntatjaw lil Franklin Cauchi mill-Gharb li jorganizza wkoll dan it-tip ta' korsijiet u naraw xi prezzijiet u x'korsijiet joffri.

12.10 Sar qbil li ghandna niktbu ittra lid-Direttur tal-EkoGhawdex Anthony Zammit fejn nitolbuh sponsor biex norganizzaw il-korsijiet.

12.11 Is-Sindku rrefera wkoll ghall-problema li qed tigi kkagunata mill-parking tal- coaches fil-pjazza tad-Dwejra u saret diskussjoni dwar il-parking fil-Qawra fid-Dwejra u l-possibilita' li tigi ntrodotta sistema ta' loading u unloading. Is-Sindku rrefera wkoll ghall-problema li qed tigi kkagunata mill-parking tal- coaches fil-pjazza tad-Dwejra u l-chaos li qed jinholoq. Sar qbil li din il-problema ghandha tigi diskussa mad-Dwejra Management Committee.

12.12 Il-kunsilliera Mikelina Mercieca rreferiet ghall-bini tal-hajt fid -Dwejra sabiex nigbdulhom l-attenzjoni biex jingabar il-materjal peress li qed ihallu hafna trab u zgombru.

12.13 Is-Sindku gibed l-attenzjoni lil kunsillier John Mercieca sabiex ma jmurx jaghti sottomissjonijiet lil Kap tal-iskola dwar progett tl-Kunsill minghajr ma jaf il-Kunsill. Is-sur Mercieca talab lis-Segretarja sabiex tikkonferma bil-miktub li huwa kien prezenta l-istess pjanta

lil Kunsill ta' qabel. Is-Segretarja kkonfermat li din il-pjanta giet prezentata minnu izda ma kienx sar qbil fuqha.

12.14 Is-Sindku Anthony Formosa rrefera wkoll ghall-bozoz tal-fanal ta' wara r-residenza tal-kunsillier John Mercieca . Is-Sindku semma li dawn gew mibdula mill-kunsillier stess u ingibditlu l-attenzjoni biex ma jmissx bozoz tal-gvern. Il-Kunsillier Mercieca kkonferma li bidilhom hu.

12.15 Il-Vici Sindku propona li wasal iz-zmien li l-Kunsill ma jibqax fl-iskola izda jinstab post alternattiv. Is-Sindku rrefera ghall-laqgha li kellu mal-ispetur u qallu li ma jippermettix li ssir ghassa tal-pulizija b'access mal-iskola. Il-Kunsill ghad ma ghandux devoluzzjoni tal-art u ghalhekk sar qbil li ghandna nergghu nibdew id-diskussjonijiet mehtiega.

12.16 Il-kunsillier John Mercieca staqsa dwar liema stadju waslu l-applikazzjonijiet tal-passaggi taht l-mizura 125. Is-Segretarja stqarret li ghadha ma semghet xejn aktar dwarhom.

**13.0 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

13.1 Giet prezentata l-iskeda tal-pagamenti ghall-approvazzjoni.

Il-laqgha ntemmet fid-9:30 ta' filghodu.

**Anthony Formosa**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**